MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 101/2011

**Malta Industrial Parks Limited (C 28965)**

**Vs**

**Xuereb Glass Company Limited (C 23471)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat prezentat mis-socjeta' attrici fis-7 ta' Dicembru, 2011 fejn ippremettiet:

1. Illi permezz ta' skrittura privata tal-21 ta' Gunju 2011, kopja ta' liema skrittura tinsab annessa u mmarkata "Dok A", is-socjeta' konvenuta ikkostitwixxiet ruhha veru cert u likwidu debitrici tal-istanti fl-ammont ta' erbgha u tmenin elf mitejn u wiehed u erbghin euro u disgha u disghin centezmu (€84,241.99);

2. Illi tali debitu jirraprezenta arretrati ta' kera ghall-fabbrika GGX008A fil-Qasam Industrijali tax-Xewkija ghall-perjodu sal-31 ta' Marzu 2011;

3. Illi skond il-precitata skrittura, tali debitu kellu jithallas permezz ta' rati mensili ta' elfejn tliet mija u erbghin euro (€2,340), b'dan li l-ewwel rata kellha tithallas dak in-nhar stess tal-iffirmar – kif fil-fatt gara u ghalhekk il-bilanc dovut issa hu ta' wiehed u tmenin elf disa' mija u euro u disgha u disghin centezmu (€81,901.99);

4. Illi fit-termini tal-imsemmija skrittura, gie pattwit bejn il-partijiet li kemm-il darba s-socjeta' konvenuta tibqa' moruza fil-hlas ta' tliet (3) rati mensili jew f'somma ekwivalenti ghal 3 rati mensili, allura s-socjeta' konvenuta tiddekadi mill-beneficcju tat-terminu;

5. Illi inoltre skond l-imsemmija skrittura, kemm-il darba l-konvenuta tibqa' moruza fil-hlas ta' tliet (3) rati mensili, allura jibqa' jiddekorri l-imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) u dan b'effett mid-data tal-iskrittura;

6. Illi minkejja l-obbligi minnha assunti, is-socjeta' konvenuta mghamlet l-ebda pagament lis-socjeta' attrici wara dak in-nhar li giet iffirmata l-iskrittura u ghalhekk iddekadiet mill-beneficcju tat-terminu;

7. Illi minkejja l-interpellazzjonijiet li sarulha sabiex is-socjeta' konvenuta thallas l-ammont minnha dovut, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;

8. Illi ghalhekk is-socjeta' konvenuta hi debitrici tal-istanti fl-ammont ta' €81,901.99, liema debitu hu rikonoxxut permezz tal-iskrittura privata tal-21 ta' Gunju 2011;

9. Illi dan id-debitu hu cert, likwidu u dovut u ma jikkostitwixxiex l-ghemil ta' fatt;

10.Illi in vista tas-suespost isegwi li t-talbiet attrici huma ezegwibbli kontra s-socjeta' konvenuta u ghalhekk jirrikorru l-elementi kollha mehtiega sabiex jigi dispensat

s-smiegh tal-kawza a tenur ta’ l-Artikolu 167 *et seq* tal-Kap 12 u dan peress illi sa fejn taf l-esponenti, is-socjeta’ konvenuta m’ghandhiex eccezjoni valida x’tissolleva f’dina l-kawza;

Illi r-raguni ta’ din it-talba hi li s-socjeta’ konvenuta hi debitrici tas-socjeta’ attrici tas-somma ta’ €81,901.99 liema debitu hu rikonoxxut permezz tal-iskrittura privata tal-21 ta’ Gunju 2011 u peress li s-socjeta’ konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet validi x’tissolleva, din il-kawza ghandha tinstema’ bil-procedura sommarja specjali.

Ghaldaqstant is-socjeta’ attrici talbet lil din il-Qorti prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni joghgobha:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta’ l-Artikoli 167 *et seq* tal-Kap 12;

2. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas is-somma ta’ €81,901.99 liema debitu hu rikonoxxut permezz tal-iskrittura privata tal-21 ta’ Gunju 2011;

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta’ sekwestru prezentat kontestwalment u bl-imghax mill-21 ta’ Gunju 2011 sad-data tal-pagament effettiv u b’rizerva ghal kull jedd ta’ azzjoni spettanti lill-istanti ghal kull somma ulterjuri dovuta in linea ta’ kumpens ghall-okkupazzjoni ghall-fabbrika GGX008A fil-Qasam Industrijali tax-Xewkija, kontra s-socjeta’ konvenuta minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet taghha li permezz tieghu dan ir-rikors gie appuntat ghas-smiegh ghas-seduta ta’ l-10 ta’ Jannar 2012 f’12.00p.m.

Rat li fis-seduta ta’ l-10 ta’ Jannar, 2012 is-socjeta’ konvenuta talbet li tinghata l-opportunita’ li tressaq eccezzjonijiet. Semghet bil-gurament lil Joseph Zammit.

Rat li fl-istess seduta din il-qorti iddecidiet li s-socjeta’ konvenuta m’ghandhiex eccezzjonijiet validi skond il-ligi xi

tressaq ghat-talba proposta mis-socjeta’ attrici u ghalhekk cahdet it-talba taghha sabiex tipprezenta risposta guramentata.

Rat li fl-istess seduta s-socjeta’ attrici prezentat nota ta’ riduzzjoni li permezz taghha rriduciet it-tieni talba taghha ghal disgha u sebghin elf hames mija u wiehed u sittin euro u disgha u disghin centezmu (€79,561.99)

Rat l-atti kollha.

Illi mill-istess atti jirrizulta li giet iffirmata skrittura privata bejn is-socjeta’ attrici u s-socjeta’ konvenuta fil-21 ta’ Gunju, 2011 fejn is-socjeta’ konvenuta kkostitwixxiet ruhha veru cert u likwidu debitrici tas-socjeta attrici fl-ammont ta’ €84,241.99.

Jirrizulta li skont l-istess skrittura tali debitu kellu jithallas permezz ta’ rati mensili ta’ €2,340 b’dan li l-ewwel rata kellha tithallas mal-iffirmar tal-kuntratt u ghalhekk il-bilanc sar €81,901.99.

Fit-termini ta’ l-istess skrittura kemm-il darba s-socjeta’ konvenuta tibqa’ moruza fil-hlas ta’ tliet rati mensili jew f’somma ekwivalenti ghal 3 rati mensili l-istess socjeta’ tiddekadi mill-beneficcju tat-terminu; kif ukoll, jibda jiddekorri l-imghax bir-rata ta’ 8% u dan b’effett mid-data tal-iskrittura.

Is-socjeta’ attrici ppremettiet li s-socjeta’ konvenuta m’ghamlet l-ebda pagament wara dakinhar li giet iffirmata l-iskrittura.

Illi rrizulta mix-xhieda ta’ Joseph Zammit li fil-fatt apparti l-pagament li sar mal-iffirmar ta’ l-iskrittura, sar pagament iehor fit-28 ta’ Lulju, 2011. Madankollu, ma saru l-ebda pagamenti fix-xhur sussegwenti ta’ Awwissu, Settembru, Ottubru u Novembru. Kien biss wara l-prezentata tar-rikors guramentat u wara li s-socjeta’ konvenuta giet notifikata bl-istess li sar pagament iehor fil-21 ta’ Dicembru, 2011. L-istess Zammit spjega li matul dawn ix-xhur li fihom ma sarx hlas ma kien hemm l-ebda

komunikazzjoni min-naha tas-socjeta' konvenuta li permezz taghha lmentat dwar l-iskrittura ffirmata u dwar l-ammont li gie indikat fl-istess skrittura. L-istess xhud spjega wkoll li qabel ma giet iffirmata din l-iskrittura din intbaghtet lis-socjeta' konvenuta u wara li kien hemm accettazzjoni min-naha tas-socjeta' konvenuta, l-istess skrittura giet iffirmata.

Illi ghalhekk jirrizulta li fil-fatt is-socjeta' konvenuta naqset li thallas ghal erba' (4) xhur konsekuttivi u ghalhekk baqghet moruza mhux biss ghal 3 rati mensili izda sahansitra ghal 4 rati mensili u ghalhekk in vista ta' dan, l-istess socjeta' konvenuta ai termini ta' l-iskrittura ffirmata ddekadiet mill-beneficcju tat-terminu; u inoltre' ghandu jibda jiddekorri l-imghax bir-rata ta' 8% b'effett mid-data ta' l-iskrittura.

Kif diga' inghad is-socjeta' attrici pprezentat nota ta' riduzzjoni. Izda lil din il-qorti jirrizultalha li l-pagament li thallas fit-28 ta' Lulju, 2011 fil-fatt ma giex imnaqqas mis-socjeta' attrici u ghalhekk l-ammont dovut huwa ta' sebgha u sebghin elf mitejn u wiehed u ghoxrin euro u disgha u disghin centezmu (€77,221.99).

Jinghad ukoll li l-fatt li t-talba tas-socjeta' attrici m'ghandix tintlaqa' ghas-somma kollha mitluba, m'ghandix twassal biex din il-kawza ma
tinstemax bil-procedura sommarja kontemplata fl-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap. 12. Fin-nuqqas ikun qieghed biss jinghata lok biex isiru iktar spejjez u l-kwistjonjiet bejn il-kontendenti jibqghu jitwalu bla bzonn

Ghaldaqstant din il-qorti qeghda:

1. Tilqa' l-ewwel talba sabiex il-kawza tinstema' bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta' l-Artikoli 167 *et seq* tal-Kap 12;

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas is-somma ta' sebgha u sebghin elf mitejn u wiehed u ghoxrin euro u disgha u disghin centezmu (€77,221.99)

liema debitu hu rikonoxxut permezz tal-iskrittura privata tal-21 ta' Gunju 2011.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment a karigu tas-socjeta' konvenuta limitatament ghal percentwali ta' hamsa u disghin (95%) fil-mija, u l-kumplament jibqghu a karigu tas-socjeta' attrici[1] u bl-imghax mill-21 ta' Gunju 2011 sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Dan peress li ma tnaqqasx il-pagament li sar fit-28 ta' Lulju, 2011